MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## FRANCESCO DEPASQUALE

Seduta tat-23 ta' Awwissu, 2011

Numru 977/2011

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra **Oscar Vidal Morata** ta' 30 sena, bin Roberto Vidal Benavent u Nuria Morata *nee*' Martinez, mwieled Spanja nhar il-21 ta' Mejju 1981, detentur tal-karta tal-identita Spanjola numru 45636100Y residenti gewwa Hotel Solana, Room No. 1505, Mellieha;

Talli nhar it-23 t' Awissu 2011 ghall-habta ta' bejn 03.45hrs u 04.00hrs gewwa Triq San Gorg, Paceville, San Giljan;-

1. Ikkaguna griehi ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' PS 702 Jonathan Ransley u PC 1468 Dirk Pace, skond kif iccertifika Dr Robert Patiniott M.D Med. Reg. 1860;

2. Volontarjament ghamel hsara, jew gharraq hwejjjeg haddiehor, mobbli jew immobli, meta ghamel hsara fuq mobile phone li kienet tinsab fil-ghad-dannu ta PC 1468 Dirk Pace u/jew persuni ohra, liema hsara ma tiskorriex l-elf mija u erbgha u sittin eurou disgha u sittin centezmu (€1,164.69);

3. Attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b' hebb, ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku, u cioe' fuq PS 702 Jonathan Ransley u PC 1468 Dirk Pace;

4. Ingurja jew hedded jew ghamel offiza ta' natura hafifa fuq il-persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li jkunu qed jaghmlu jew minhabba li jkunu ghamlu dan is-servizz jew bil-hsieb li jinfluwixxi jew ibezzgha fuqhom kontra il-ligi fl-esekuzzjoni ta' dan is-servizz u cioe' fuq PS 702 Jonathan Ransley u PC 1468 Dirk Pace;

5. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ma obdiex l-ordnijiet legittimi moghtija lilu mill-Pulizija taht l-istess lok u cirkostanzi mill-istess Ufficjali tal-Pulizija imsemmija hawn fuq;

6. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament kisser il-bon ordni u il-paci pubblika b' ghajjat u glied.

Il-Qorti hija gentilment ukoll f' kaz ta' htija tipprovdi ghas-sigurta ta' l-imsemmija Ufficjali Pubblici tal-Korp tal-Pulizija kif jidhrilha xieraq skond l-artikolu 383 tal-kapitolu 9 tal-ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti tal-kawza;

Semghet l-ammissjoni bikrija ta’ l-imputat;

Semghet l-akkuzi migjuba fil-konfront ta’ l-imputat;

Tifhem li tali akkuzi huma serji u qed iwasslu ghall-inkonvenjent serju ghall-Pubbliku kollu imma tenut ukoll tal-fatt li l-akkuzat ammetta mill-ewwel, skuza ruhu seduta stante mal-Pulizija u obbliga ruhu li jhallas ghad-danni kollha sofferti u anke ikkopera bis-shih mal-Pulizija, il-Qorti hija predisposta ghall-darba wahda biss li tghati sentenza sospiza;

Il-Qorti issib lill-imputat hati ta’ l-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu u;

Tikkundannah komplessivament ghall-perjodu ta’ prigunerija ta’ sena (1), liema terminu ma jiddekorriex hlief jekk l-imputat jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija sa zmien erba’ (4) snin millum.

Il-Qorti tordna ukoll li l-imputat ihallas is-somma ta’ tlett mitt ewro (€300) ghal-hsara li ghamel fuq il-mobile phone ta’ PC 1468 Dirk Pace.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------